*il-Qorti tqis li hemm raġunijiet validi għalfejn il-leġiżlatur impona limitu ta' kapital jew riżorsi li m'għandux jiġi maqbuż, u meta jinstab li benefiċjarju tal-għajnuna soċjali jkollu kapital li jkun jeċċedi l-limitu stabbilit, dan jonqos mill-eliġibbiltà għall-għajnuna soċjali, hi f'liema forma hi.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 28/2020 LM

**George Spiteri (K.I. 514642M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", mid-deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tat-30 ta' Ottubru, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru laqa' l-appell

tar-rikorrent **George Spiteri (K.I. 514642M)**, hawnhekk "l-appellat", minn deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tas-6 ta' Mejju, 2019, u li permezz tagħha d-Direttur Ġenerali intimat kien informa lir-rikorrent li ma kienx għadu eliġibbli għall-Għajnuna għal Mard minħabba li nstab li kellu riżorsi kapitali li jeċċedu t-test tal-mezzi stabbilit.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra tas-6 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrent ġie mgħarraf mid-Direttur Ġenerali intimat li l-Għajnuna Medika li huwa kien qiegħed jirċievi mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali kienet ser titwaqqaf minħabba li nstab li r-riżorsi kapitali tar-rikorrent kienu jeċċedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi kif provdut fit-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent u martu, fir-rikors tal-appell tagħhom quddiem l-Arbitru, infurmawh li f'April tal-2019, kienu ċċelebraw l-anniversarju tat-tieġ tagħhom, u għal din l-okkażjoni wliedhom ħasbu biex jagħtuhom somma flus. Qalu li huma għażlu li jagħmlu użu minn dawn il-flus għall-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum, u għalhekk minflok ġibdu flus li kellhom iddepożitati l-bank, huma għamlu użu minn dawn il-flus kontanti.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li r-rikorrent kien jibbenefika mill-Għajnuna għal Mard sal-10 ta' Mejju, 2019, u din l-Għajnuna ġiet imwaqqfa

għaliex id-Dipartiment irriżultalu li r-rikorrent u martu kellhom riżorsi kapitali li l-valur tagħhom kien jeċċedi l-limitu ta' €23,300 stabbilit bil-liġi.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Ottubru, 2020, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell billi għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) datata 6.5.2019 li permezz tagħha d-DSS waqqaf lill-appellant l-għajnuna medika SKA billi l-kapital tiegħu jeċċedi dak stipulat fil-liġi.*

*L-appellant ressaq appell fejn ta raġuni għalfejn il-kapital tiegħu u ta' martu eċċeda dak stipulat fil-liġi u ċioe l-ammont ta' €23,300.*

*Id-DSS ġab il-prova illi f'Mejju l-appellant kellu €18 aktar minn dak li tistipula l-liġi bħala kapital. Dan seħħ fl-aħħar ta' Mejju 2019 meta l-appellanti rċevew pagament kif jihder mill-annessi* bank statements *li ppreżenta l-istess appellanti.*

*L-appellanti min-naħa tagħhom qalu illi uliedhom kienu tawhom xi flus in kontanti bħala rigal tal-anniversarju u għalhekk ma kinux ġibdu flus kontanti mill-bank għall-ħajja ta' kuljum bil-konsegwenza illi meta daħlet il-pensjoni, huma eċċedew il-limitu.*

*L-arbitru se jikkunsidra l-ewwelnett element li d-DSS ma spjegax sew, u dan stante li d-deċiżjoni meħuda kienet nhar is-6 ta' Mejju, 2019 meta l-ammont preżentat mid-DSS ta' €23,318.16 iġib id-data tat-30 ta' Mejju, 2019. Kwindi fuq dan il-punt biss, l-appell qed ikun milqugħ.*

*Madanakollu l-verżjoni tal-appellanti hija waħda kredibbli u konvinċenti u dan joħroġ anki mill-fatt illi l-appellanti qabżu l-ammont bi €18 biss għax-xahar ta' Mejju 2019 biss.*

*Għaldaqstant l-appell qed ikun milqugħ."*

**L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fit-3 ta' Diċembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tat-30 ta' Ottubru, 2020, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tas-6 ta' Mejju, 2019. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi li nġabu quddiemu. Spjega li f'dan il-każ, l-appellat kien jirċievi l-Għajnuna għall-Mard, sal-10 ta' Mejju, 2019, u li fis-6 ta' Mejju, 2019, huwa kien bagħat jinforma lill-appellat li in vista tal-fatt li r-riżorsi kapitali tiegħu u ta' martu kienu jeċċedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi, huwa ma kienx għadu jissodisfa l-kriterji meħtieġa mil-liġi għall-għoti ta' dan il-benefiċċju. L-appellant għamel riferiment għall-appell li l-appellat u martu ressqu quddiem l-Arbitru, u għall-fatt li dawn spjegaw li ftit qabel huma kienu ċċelebraw l-anniversarju taż-żwieġ tagħhom u wliedhom kienu rregalawlhom somma flus. L-appellant spjega li fl-ewwel lok l-Arbitru kien korrett meta qies li l-ammont ta' €23,300 huwa l-massimu tal-mezzi kapitali li jista' jkollhom l-appellat u martu biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Għajnuna Medika.[1] Qal li għalhekk l-eżerċizzju li kellu jagħmel l-Arbitru kien li jiddetermina jekk l-appellat u martu flimkien kellhomx proprjetà, inkluż flus fil-bank, li jeċċedu l-massimu ta' €23,300.

[1] L-appellant għamel riferiment għal dak li tipprovdi t-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, paragrafu 1: *"Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 20, għandu jitqies; ... (ii) €23,300 fil-każ ta' familja li mill-anqas tkun tikkonsisti fil-kap tal-familja u l-konjuġi, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għal Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna."*

7. L-appellant qal li l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi, li wassluh għad-deċiżjoni errata li kien biss wara li l-appellant kien diġà ħa d-deċiżjoni fis-6 ta' Mejju, 2019, li l-appellat kellu kapital li jeċċedi €23,300. L-appellant qal li l-Arbitru żbalja wkoll meta qies li l-kapital tal-appellat kien qabeż il-massimu stabbilit biss f'Mejju tal-2019, u bi €18 biss. L-appellant qal li sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali, din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi li għamel l-Arbitru fl-ewwel istanza. L-appellant qal li jeżistu iżda eċċezzjonijiet fejn qorti ta' reviżjoni tkun obbligata tissindika l-apprezzament li jkun sar u anke tasal għal konklużjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti jew tribunal tal-ewwel grad. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu l-Arbitru ta ġudizzju li kien errat u inkomplet, u li mhux minnu li kien biss wara d-deċiżjoni tas-6 ta' Mejju, 2019 li l-appellat u martu kellhom kapital li jeċċedi €23,300. L-appellant qal li jkun utli li jsir elenku tal-kontijiet bankarji li għandhom f'isimhom l-appellat u martu, u qal li jrid isir stħarriġ dwar jekk meta jingħaddu l-flus iddepożitati fil-kontijiet bankarji li għandhom f'isimhom l-appellat u martu anki separatament, jinqabiżx it-total ta' €23,300 stabbilit fit-test tal-mezzi. Qal li minn stħarriġ li huwa għamel, jirriżulta li fil-kontijiet bankarji li għandu f'ismu l-appellat hemm iddepożitat l-ammont ta' €1,045.08, filwaqt li t-total ta' depożiti li kien hemm f'isem Giovanna Spiteri, mart l-appellat, kienu jammontaw għal €22,855.24 f'Marzu 2019, liema ammont tela' għal €23,174.19 f'April 2019 u għal €23,318.69 f'Mejju tal-2019. L-appellant qal li għalhekk jirriżulta li l-konjuġi Spiteri fil-31 ta' Marzu, 2019 kellhom bejniethom l-ammont ta' €23,900.32, fit-30 ta' April, 2019 kellhom bejniethom l-ammont ta' €24,219.27 u fil-31 ta' Mejju, 2019 dawn kellhom €24,363.77 iddepożitati

f'isimhom. Qal li għalhekk kuntrarjament għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Arbitru, fix-xhur ta' qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-appellant, u ferm qabel Mejju tal-2019, l-appellat u martu kellhom kapital li jeċċedi l-massimu ta' €23,300, b'aktar mit-€18 li semma' l-Arbitru. Qal ukoll li huwa evidenti li meta l-Arbitru ġie biex jiddetermina x'kapital kellhom l-appellat u martu, dan ikkonsidra biss il-flus li kellha ddepożitati f'isimha mart l-appellat, total ta' €23,318.69, u mhux ukoll l-€1,045.08 li kienu depożitati fil-kontijiet bankarji tal-appellat.

8. L-appellant qal li għalhekk l-Arbitru wasal għal konklużjoni li kienet kompletament żbaljata. Kompla jgħid li lanqas ma jreġi l-argument tal-appellat u ta' martu, li l-flus li huma kellhom iddepożitati fil-kontijiet bankarji tagħhom kienu ġejjin minn rigal fil-forma ta' flus kontanti li rċevew mingħand uliedhom fl-okkażjoni tal-anniversarju taż-żwieġ tagħhom. L-appellant qal li f'Marzu tal-2019, l-appellat u martu kellhom total ta' €23,900.32 f'depożiti bankarji, u għalhekk f'dan l-istadju huma diġà kellhom kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita. Qal li għalhekk minn din l-ispjegazzjoni, il-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni li meta l-appellant ħa d-deċiżjoni li jwaqqaf il-benefiċċju li kien jirċievi l-appellat, l-appellat u martu fil-fatt kellhom kapital li kien jeċċedi l-massimu ta' €23,300. L-appellant qal li huwa mhux f'pożizzjoni li jittollera abbużi, u għalhekk irid jimxi ma' dak li tipprovdi l-liġi u ma' dak mgħallem minn din il-Qorti fil-ġurisprudenza tagħha. Qal li ladarba l-provi li nġabu quddiem l-Arbitru jistabbilixxu li l-kapital tal-appellat jeċċedi l-massimu stabbilit bil-liġi sabiex hu jkun jista' jibbenefika mill-Għajnuna għall-Mard, la l-Arbitru u lanqas din il-Qorti ma jistgħu jiskartaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant għaliex

huwa ddeċieda li jwaqqaf l-għajnuna li kienet tingħata l-appellata wara valutazzjoni tal-materjal probatorju kollu li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għal dan ir-rikors tal-appell.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u fid-dawl ukoll ta' dak li kellha xi tgħid l-appellata wara li ġiet notifikata bid-deċiżjoni li ħa l-appellant fil-konfront tagħha. Mill-provi dokumentarji jirriżulta li huwa minnu li meta jingħaddu l-flus li l-appellat u martu għandhom iddepożitati f'isimhom, anki jekk b'mod separat minn xulxin, skont id-dokument esebit mill-appellant fil-proċeduri li saru quddiem l-Arbitru, it-total ta' flus iddepożitati f'kontijiet bankarji kien jeċċedi t-€23,300 stabbilit mill-liġi, anki jekk bi ftit mijiet ta' Euro. Il-Qorti tqis li hemm raġunijiet validi għalfejn il-leġiżlatur impona limitu ta' kapital jew riżorsi li m'għandux jiġi maqbuż, u meta jinstab li benefiċjarju tal-għajnuna soċjali jkollu kapital li jkun jeċċedi l-limitu stabbilit, dan jonqos mill-eliġibbilità għall-għajnuna soċjali, hi f'liema forma hi. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Galea *vs.* Direttur tas-Sigurtà Soċjali**[2]:

[2] 12.02.2010.

> "Issa huwa veru illi in linea ta' prinċipju Qorti tat-tieni istanza ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel arbitru jew aġġudikatur anke għaliex tali valutazzjoni taqa' fil-poter diskrezzjonali ta' min ikun imsejjaħ biex jistħarreġ u jiġġudika l-mertu. Ċiononostante, hu daqstant ieħor veru illi dak l-istess apprezzament isir hekk sindikabbli fejn, bħal f'dan il-każ, il-konklużjoni tkun sorretta minn motivazzjoni inkongruwa, illoġika u defiċjenti għal kollox minn kull koerenza mal-elementi tal-provi attendibbli. Anzi, il-Qorti tazzarda tirrileva illi l-Arbitru ma għamel l-ebda sforz diliġenti biex jeżamina akkuratament il-provi dokumentali u dan ma jistax ħlief ifisser illi l-konklużjoni minnu adatta ma hi xejn idoneja."

10. Il-Qorti fehmet li d-deċiżjoni tal-Arbitru aktarx li kienet immotivata mill-fatt li huwa ma qiesx l-ammonti kollha ta' flus li l-konjuġi Spiteri kellhom iddepożitati f'isimhom anki jekk f'kontijiet separati, jew inkella fuq il-fatt li f'okkażjoni ta' darba wlied il-konjuġi Spiteri kienu tawhom somma flus li ppermettitilhom jagħmlu l-infiq ta' kuljum minn dawn il-flus kontanti minflok ma għamlu użu minn flus li kellhom iddepożitati l-bank. Il-Qorti tqis li mill-provi rriżulta però li għal diversi ġimgħat qabel is-6 ta' Mejju, 2019, il-konjuġi Spiteri kellhom flus iddepożitati f'isimhom li kienu jeċċedu l-massimu stabbilit bit-Test tal-Mezzi. Tqis għalhekk li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-6 ta' Mejju, 2019 kienet ġustifikata. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq, u tilqgħu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravju tal-appellant, tirrevoka d-deċiżjoni appellata,**

**u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tas-6 ta' Mejju, 2019.**

**Spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**